QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T' APRIL 2002

Avviz Nru:- 1776/99DM

Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita' taghha ta' rapprezentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi flimkien jifformaw id-ditta assikuratrici ossija sindikat ta' Lloyds illi jgib in-numru 980 u li jopera taht l-isem Ensign Motor Policies at Lloyds u Laferla Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta' l-istess ditta ossija sindikat, liema sindikat qieghed jagixxi jure propio u kif ukoll kif jinsab issurrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Emanuel Spiteri

vs

Albert Muscat, Emanuel Spiteri u Godfrey Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi permezz tal liema talbu lil din il-Qorti:

1 Tiddikjara lill-konvenut Muscat unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-garage tal-istess konvenut Muscat gewwa independence Avenue, Mosta, fl-14 ta' Jannar 1999, illi fiha l-vettura tal-marka Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAA 861, propjeta' tal-konvenut l-iehor Emanuel Spiteri u koperta mill-atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni numru 046809 30/09, mahruga fl-1 ta' Novembru 1998, giet mahruqa, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

2 Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi fis-somma ta' tmien mija u tlettax-il- lira Maltin (Lm813.00) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

3 Tiddikjara illi l-konvenut Emanuel Spiteri u Godfrey Spiteri, jew min minnhom, rcevew minghand il-konvenut l-iehor Muscat is-somma ta' disa mitt Lira (Lm900) bhala risaricment tad-danni sofferti mill-konvenut Emanuel Spiteri bhala konsegwenza tal-imsemmi incident nonostante illi l-istess konvenut Emanuel Spiteri kien gie risaricit ghad-danni minnhu sofferti fl-istess incident mill-atturi b'mod illi hemm lok ghar-rifuzjoni tas-somma ta' tmin mija u tlettax-il Lira Maltin (Lm813.00) lill-atturi rapprezentanti s-somma imhallsa mill-istess atturi in eccess tad-danni subiti mill-imsemmi Emanuel Spiteri taht il-polza u ghalhekk imhallsa indebitament.

4 Tikkundanna lill-istess konvenuti Emanuel Spiteri u Godfrey Spiteri, jew min minnhom sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' tmin mija u tlettax-il Lira Maltin (Lm813.00) imhallsa mill-istess atturi indebitament;

5 Tikkundanna lill-istess konvenut Muscat sabiex jhallas lill-atturi l-istess somma ta' Lm813.00 jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l- Qorti seww wara illi tisma' l-provi dwar danni subiti u kif ukoll in vista tal-ezitu tat-talba precedenti, rapprezentanti d-danni minnhu kkawzati;

6 Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10), tal-ittra bonarji tad-19 ta' April 1999, tat-28 ta' Mejju 1999 u tal-12 ta' Lulju 1999, u bl-imghax legali mid-data tal-icident sad-data tal-hlas effettiv;

7 Bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Emanuel Spiteri u Godfrey Spiteri fejn eccepew illi:

1 In kwantu dirett kontra l-eccipjenti Emanuel Spiteri l-eccipjenti jissolleva l-fatt tal-irritwalita' tal-azzjoni gialadarba ma huwiex guridikament proponibbli illi huwa f'azzjoni wahda jilbes il-libsa ta' attur u ta' konvenut;

2 Wkoll fl-azzjoni proposta ma hemmx l-unicita' riferibilment ghat-talbiet kollha in kwantu l-ewwel zewg talbiet ma jikkoncernawx lill-eccipjenti;

3 Kwantu ghall-eccipjenti Godfrey Spiteri ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika mal-atturi billi l-ebda hlas ma saru lilu minnhom;

4 F'kull kaz izda bla pregudizzju l-azzjoni attrici in kwantu diretta kontra z-zewg eccipjenti hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li f'kull kaz l-eccipjenti ma rcevew l-ebda eccess ta' hlas ghad-danni realment subiti.

5 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Albert Muscat fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta' Albert Muscat, stante li l-eccipjent diga' hallas ghas-saldu s-somma ta' disa mitt lira Maltin (Lm900) rapprezentanti danni kkagunati fil-vettura propjeta' tal-konvenut Emanuel Spiteri waqt nirien li zviluppaw fil-garaxx tal-eccipjent Muscat, lill-konvenut Emanuel Spiteri, u dan kif jirrizulta mill-anness Dok A;

2 L-eccipjent ma jistax jigi kkundannat ihallas darbtejn;

3 Ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservaza tal-gudizzju;

4 Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent qua depositarju mhux responsabbli ghad-danni kkagunati fil-vettura propjeta' tal-konvenut Emanuel Spiteri a tenur tal-Artikolu 1901 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5 Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-atturi pprezentata fl-14 ta' Jannar 2000.

Rat in-nota ta' Albert Muscat ipprezentata fis-7 t' April 2000.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda il-hruq tal-vettura tal-marka Escort bin-numru IAA 861 proprjeta tal-konvenut Emanuel Spiteri liema hruq kien gara fil-garaxx tal-konvenut l-iehor Albert Muscat.

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi r-responsabbilta ghal-hruq ta' din il-vettura u ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali hija tal-konvenut Albert Muscat li infatti ammetta tali responsabbilta' tant illi hallas lill-proprjetarju tal-vettura mahruqa ghas-saldu tal-hsarat illi kkawza, is-somma ta' Lm900 (disa' mitt lira Maltin).

Jirrizulta illi, ghalkemm il-vettura mahruqa hija llicenzjata f'isem il-konvenut Emanuel Spiteri, din tappartjeni lill-konvenut l-iehor Godfrey Spiteri u ghalhekk l-istess Godfrey Spiteri ghandhu jigi retenut bhala li qieghed jaggixxi ghan-nom u

fl-interess tal-'licensee' Emanuel Spiteri li skond il-ligi huwa kkunsidrat persuna responsabbli ghall-vettura.

Jirrizulta wkoll illi il-vettura ta' Emanuel Spiteri kienet assikurata mal-kumpanija attrici u illi l-istess Emanuel Spiteri minhabba l-hruq tal-vettura tieghu kien ghamel claim lill-assikurazzjoni u ta' din il-claim huwa kien thallas ghas-saldu tad-danni minnhu soferti is-somma ta' Lm700 (seba' mitt lira Maltin) billi l-vettura giet stamata fis-somma ta' Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) u skond il-polza huwa kien tenut li jhallas Lm100 (mitt lira Maltin) bhala 'excess'.

Jirrizulta wkoll ippruvat illi mal-hlas tas-somma ta' Lm700 (seba mitt lira Maltin) u mall-accettazzjoni ta' Emanuel Spiteri dwar il-kumpens tad-danni kkawzati, huwa ffirma d-dokument CG1 fejn issurroga lill-kumpanija attrici fid-drittijiet kollha tieghu. Dan iffisser illi meta rceva l-pagament minghand l-assikurazzjoni huwa kien ta' lill-atturi x'jifhmu illi setghu jirkupraw il-kumpens li hallsu lilhu minghand min kien effettivament responsabbli ghal-hlas tad-danni.

Dwar il-valur effettiv tal-vettura dak in-nhar illi giet disruttta, l-Qorti hija ampjament sodisfatta illi dan ma kienx jissupera s-somma ta' Lm900 (disa' mitt lira Maltin); infatti l-konvenuti Spiteri kienu assikuraw l-istess vettura ghas-somma massima ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) u jirrizulta illi s-sid, Spiteri, kien sa mill-16 ta' Jannar1999, accetta, ghas-saldu tal-hsara kkawzata, s-somma ta' Lm900 (disa mitt Lira Maltin) minghand il-konvenut Albert Muscat.

Ghalkemm il-konvenuti Spiteri illum qieghdin jippretendu illi l-vettura mahruqa setgha kellha valur iktar minn dak illi huma accettaw, fl-inezistenza tal-vettura jew xi survey indipendenti, ir-ritratti u l-allegazzjonijiet tal-attur ma humiex bizzejjed biex iwassalu lill-Qorti biex taccetta xi valur iehor oltre dak li 'a tempo debito' gie accettat minnhom.

Mid-deposizzjoni ta' Godfrey Spiteri u mic-cirkostanzi l-ohra tal-kaz jirrizulta illi l-ircevuta, dokument CG2 a fol 27 tal-process, u datata 16 ta' Jannar 1999, hija rcevuta ghas-saldu tas-somma ta' Lm900 (disgha mitt lira Maltin) imhallsin minn

Albert Muscat, il-konvenut li kkawza d-danni, lil Godfrey Spiteri f'ismhu u f'isem il-licencee Emanuel Spiteri. Dan il-hlas kien ghas-saldu tad-danni kollha li setghu kienu dovuti mill-istess Albert Muscat ghal-hruq li gara fil-garaxx tieghu li ghalih kien responsabbli.

Infatti din is-somma thallset jumejn biss wara li gara l-hruq u, kif jammetti l-istess Godfrey Spiteri, huwa kien ezonera lil Albert Muscat minn kwalunkwe obbligu illi jghamel xi pagamenti ulterjuri. Infatti jammetti illi accetta li jekk ippretenda xi somma ohra oltre id-Lm900 (disgha mitt Lira Maltin) kellhu jara kif jista' jottjeniha anke minghand il-kumpanija assikuratrici tieghu.

Infatti anke l-kliem uzat fl-istess skrittura, fejn id-Lm900 (disa' mitt lira Maltin) giet definita bhala pagament 'flok il-hruq tal-karrozza', jindika illi l-iskrittura tikkostitwixxi tranzazzjoni bejn id-danneggjant u d-danneggjat ghal dak li jirrigwarda kull kwistjoni bejniethom naxxenti mill-hruq tal-vettura.

Ghaldaqstant il-konvenut Albert Muscat ittermina l-pendenzi kollha tieghu ghal dak li jirrigwarda l-incident in kwistjoni u fil-konfront tieghu l-konvenuti Spiteri ma kien ghadt kellhom ebda- drittijiet. Ghaldaqstant l-istess konvenuti Spiteri ma kellhom ebda drittijiet jew pretensjonijiet kontra l-istess Albert Muscat illi fihom setghu jissurrogaw lill-kumpanija assikuratrici.

Ghalhekk il-kumpanija attrici ma jista jkollha ebda relazzjoni mall-konvenut Albert Muscat u konsegwentement il-Qorti tichad it-talbiet taghha kollha fil-konfront tieghu.

Billi jirrizulta wkoll illi Godfrey Spiteri, la kien il-licensee tal-vettura u lanqas ma kien il-persuna assikurata mall-kumpanija attrici u billi jirrizulta, kif digia intqal fuq, illi kwalunkwe somma li setgha rceva minghand Albert Muscat u kull skrittura li setgha ffirma kienu saru ghan-nom u fl-interess ta' missierhu Emanuel Spiteri, il-kumpanija assikuratrici lanqas m'ghandha ebda relazzjoni guridika mall-konvenut Godfrey Spiteri u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Konsegwentement billi din l-azzjoni ghalhekk tirrigwarda esklusivament il-kwistjoni jekk Emanuel Spiteri ghandux jirrifondi dak li rceva minghand l-assikurazzjoni minhabba l-hruq tal-vettura tieghu, l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti Spiteri, m'ghandhomx applikazzjoni ulterjuri u ghalhekk il-Qorti tichadhom.

Fil-mertu jirrizulta ampjament **illi l-**konvenut Emanuel Spiteri, wara li kien ittransiga l-kwistjoni dwar id-danni illi sofra fil-vettura ma' Albert Muscat, kien xorta wahda ghamel 'claim' ma' l-atturi. Jirrizulta li, a bazi ta' din il-claim, minghajr ma kien informa lill-assikuraturi li hu kien digia' thallas, huwa reggha thallas somma ta' Lm700 (sebgha mitt lira Maltin) ghas-saldu tad-danni minnhu sofferi tenut kont ta' s-somma ta' Lm100 (mitt lira Maltin) li kellhu jhallas *de proprio* bhala excess.

Fil-fatt m'hemmx kontestazzjoni illi Emanuel Spiteri effettivament rcieva s-somma ta' Lm700 (seba mitt Lira Maltin) li taghha rrilaxxa l-ircevuta esebita (a fol 26) tal-process mmarkata  dokument CG1.

Billi gie digia' stabbilit illi din is-somma thallset ukoll in kumpens tad-danni totali illi kien sofra Emanuel Spiteri u jirrizulta ukoll illi dawn l-istess d-danni kien digia' gew imhallsin  min minn kien iddanneggja il-vettura, t-talba attrici tirrizulta gustifikata u Emanuel Spiteri ghandhu jirrifondi  din is-somma ta' Lm700 (seba mitt Lira Maltin) illi rcieva minghand l-atturi assikuraturi.

Ghaldaqstant fil-waqt li tichad l-ewwel u l-hames talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Albert Muscat li m'ghadhu ebda relazzjoni mall-atturi, tichad it-tieni talba attrici billi m'hemmx lok f'din il-kawza ghal-likwidazzjoni tad-danni izda tilqa t-tielet u r-raba talbiet attrici fil-konfront biss ta' Emanuel Spiteri u tikkundanna lill-istess Emanuel Spiteri sabiex jirrifondi lill-atturi s-somma ta' Lm700 (seba mitt lira Maltin) bl-imghax legali mit-3 ta' Dicembru 1999.

Bl-ispejjez tal-konvenuti Albert Muscat u Godfrey Spiteri a karigu tal-atturi u bl-ispejjez l-ohra kontra l-konvenut Emanuel Spiteri.

………………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ37